L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 28 ta' Mejju 2004

# It-Titanic

F'April ta' l-2002, ktibt artiklu bl-isem ta' 'It-Titanic'. Il-metafora li wzajt ma kenitx wahda orginali tieghi izda kienet wahda li kien uza Robert Helmer, Membru Palamentari Ewropew Ingliz, li dak iz-zmien, jigifieri qabel l-elezzjoni generali u qabel ir-referendum, kien tkellem dwa il-vantagg li dghajsa zghira ghandha hdejn vapur kbir bhat-Titanic. It-Tatanic irid hafna iktar spazju biex ibiddel ir-roota li jkun qabad, mentri dghajsa zghira trid inqas hin u inqas spazju biex tbiddel id-direzzjoni. Izda wisq nibza' li jekk nerga' nispjega l-metafora tat-Titanic inkun qieghda, kif jghidu l-Inglizi "flogging a dead horse" jew "crying over spilled milk". Fi kliem iehor, inkun pjuttost qed nahli hini u hinkom!

Ghall-maghmul m'hemmx kunsill! U proprju dwar dan li xtaqt nitkellem illum! Illi ghalkemm forsi l-metafora tat-Titanic kienet tghodd dak iz-zmien, daqstant iehor saret tghodd b'mod differenti illum.

Qabel kont qed nitkellem dwar vapur kolossali li kellu l-ahhar xaqq ta' tama li jdawwar wara li ra l-blokka silg. Issa qed nitkellem dwar l-istess vapur. Izda minn dak iz-zmien 'l haw nil-vapur diga ccarrat mas-silg u qed jeghreq u l-unika mizura li tista' tittiehed hija li jibda nitfa' n-nies il-bahar!

Hija dik is-sitwazzjoni li jinsab fiha pajjizna llum!

Issa ghal dawk li forsi jinteressahom iktar fil-fond x'inhi l-etika jew il-priorita' f'sistemi ta' salvatagg – l-ewwel il-vapur ird jithaffef kemm jista' jkun billi jintefghu l-bahar oggetti li jkunu fuq il-vapur. Dan il-Gvern ghaziz taghna ilu jaghmlu. Ghal dawk li forsi ma ndunawx il-bejgh tal-Mid-Med Bank, tal-Posta, tat-Telemalta u tad-diversi proprjetajiet li minnhom kellu sehem sostanzjali l-istess Gvern kienu process kontinwu biex jintremaw litteralment il-bahar dawn l-assi. Fil-fatt fihom infushom huma provi li l-vapur verament qed jeghreq.

Imbaghad il-vapur jghajjat ghall-ghajnuna barranija li f'dan il-kaz kienet l-Unjoni Ewropea.

Imbaghad jibda jnizzel id-dghajjes biex jibda jsalva n-nies. U bhal fil-kaz tat-Titanic kif interpretat fil-film, hafna drabi jkun hemm xi nies li jsalvaw mhux ghax proprju messhom huma fuq id-dghajsa, izda ghax ostakolaw lill-haddiehor milli jsalva u hasbu ghal rashom b'detriment ta' haddiehor – fi kliem iehor ghax qabzu lil haddiehor.

U l-ikbar sfortuna tal-vapur Titanic, kienet ukoll li qabel telaq mill-port ma kellux bizzejjed dghajjes ta' salvatagg. Bi tbissima dan l-izball ifakkarni wkoll naqra fil-Gvern Nazzjonalista Malti li qabel ma telaq minn port biex jasal f'iehor ma hax il-prekawzjonijiet kollha possibbli ghal kull ma jista' jigri.

Fl-ekonomija Maltja wkoll m'ghandniex bizzejjed dghajjes tas-salvatagg u hafna nies ghadhom iharsu miblugha lejn il-vapur qed jeghreq minghalihom li hemm bizzejjed dghajjes. Huwa proprju l-kaptan li jaf li dghajjes m'hemmex bizzejjed u li qed jahbi kollox minn kulhadd – xejn xejn biex ma jwerwirhomx!

Pero' s-sitwazzjoni Maltija tmur anke' 'l hemm minn hekk. Issa l-ewwel nies bdew jintefghu litteralment il-bahar. Wara xahar biss, nistghu nghidu, ta' shubija shiha l kkoncida mas-sena ta' Gvern 'gdid' Nazzjonalista.

**Bdiewa**

Zgur li l-ewwel li ntefghu l-bahar kienu l-bdiewa. Bidwi Nazzjonalist qalli b'daghdigha li 20 kaxxa karrotti gabulu Lm1.35c! U li mhux se jerga' jivvota lin-Nazzjonalisti. Iz-zjara ta' Gonzi fl-Imgarr spiccat mhux biss f'argumenti shan biss izda wkoll f'incidenti iktar ta' thassib. Meta wiehed ikun jaf minghajr ebda dubju li l-bdiewa huma nies li ghall-generazzjonijiet shah appoggjaw il-Partit Nazzjonalista, wiehed jinduna li fl-ahhar il-bdiewa ndunaw li ghalihom m'ghad baqa' l-ebda dghajsa ta' salvatagg u li m'hemm l-ebda tama ta' mod kif jistghu jikkompetu mal-bidwi barrani.

**Rahhala**

Ir-rahhala se jigu kostretti jixtru ngenji li jqumu hafna flus jew inkella jaghlqu l-irziezet taghhom. Dawn ukoll qeghdin jintebhu bir-realta' li ma rawx qabel l-elezzjoni. Fejn qatt rajna f'pajjizna reklamar ta' prodotti Maltin tal-halib? Izda ovvjament b'halib frisk li jasal kuljum minn Sqallija – il-kumpaniji Maltin ikollhom huma wkoll idahhlu jdejhom fil-but u jaghmlu r-reklamar. Forsi hemm min jistaqsi ghax ma jirreklamawx il-prodott huma wkoll barra minn Malta. Hemm differenza wahda bejn kumpanija Maltija u ohra barranija. Huwa ferm ehfef minn suq kbir testendi ghal wiehed zghir milli minn suq zghir testendi ghal wiehed kbir.

**Il-fabbriki ta' Sant**

It-tfajliet tal-fabbriki li kien semma Sant qabel l-elezzjoni llum il-gurnata m'ghandhom bzonn ta' l-ebda introduzzjoni.

Lanqas m'ghandna ghalxiex nirrepetu l-istorja tad-Drydocks. Il-haddiema ta' l-id hergin jibku jew jipprotestaw mill-post tax-xoghol taghhom drajnihom.

**Xandara**

Pero' l-isfortuna ta' min se jkollu jiffaccja l-ewwel l-ilmijiet biex ihaffef billi jaqbez hu stess minn fuq dan il-vapur li qed jeghreq, ma messitx biss lill-haddiema ta' l-id.

Maghhom zgur li messhom ukoll haddiema ohra li pjuttost huma tal-pinna. Ghalkemm ilkoll kemm ahna nistghu naraw il-harsa ta' dieqa f'ghajnejhom, xandara u haddiema tal-PBS se jkunu huma wkoll b'gildhom u b'familthom li jhaffu l-piz ta' l-istat. Habta u sabta, gurnalisti u nies teknici se jispiccaw bla xoghol mentri sena ilu kienu qeghdin jittamaw ghal iktar opportunitajiet.

**Ghalliema**

Max-xandara jistghu jissemmew ukoll l-40% ta' l-ghalliema gradwarti li ilhom kollha 'l fuq minn sena bla xoghol. Fl-ahhar l-MUT harget titkellem dwar is-sahta li laqtitha hija wkoll. Forsi anke l-MUT kienet qieghda temmen il-hrejjef qabel l-elezzjoni.

Ghalkemm dak li kienu bassru hafna artikolasti bhali ta' tendenzi Laburisti, dwar x'jistghu jkunu effetti ta' shubija shiha u ta' hames snin ohra taht Gvern Nazzjonalista, hana minnu sar realta'. Dak li kienu bassru hafna idealisti Nazzjonalisti ta' opportunitajiet godda barra minn Malta li jinzlu bhax-xita hadu ma sehhex.

Huma kienu basru li l-Maltin se jsibu s-soluzzjoni tal-problemi taghhom billi jfittxu xoghol barra minn Malta – izda minn dawn l-ghalliema kollha donnu hadd ma fittex xoghol barra minn Malta ghalkemm is-sitwazzjoni hija ferm fil-punt ta' disprament.

Donnhom il-Maltin l-ewwel kienu kollha ferhana li jmorru b'vapur ferm ikbar milli kellhom ghal distanza ferm itwal basta jafu li jekk il-vapur taghhom kien qed jeghreq kellhom id-dghajjes tas-salvatagg x'jakkomodawhom. Imma malli l-vapur beda jeghreq indunaw li ma kienx hemm bizzejjed dghajjes tas-salvatagg!

B'nofs pjacir lil dak il-bidwi li qalli li lanqas biss ghadu jaqbillu jigbor il-prodotti mill-ghalqa wara li ghamel sena jikkoltivahom, ghidtlu 'Heqq! Issa m'hemmx x'taghmel! U sincerament x'hemm x'wiehed jista' jaghmel!

Meta l-vapur ikun qed jeghreq ftit nies jahsbu f'haddiehor. Hafna nies ikun bizzejjed preokkupati kif se jsalvaw lilhom infushom. Dak il-bidwi ccelebra ghal granet shah wara rebha ohra Nazzjonalista s-sena li ghaddiet izda xtara future ta' mrar. Jien hassejt li xi haga tiehdet lill-poplu Malti sena ilu.

Hassejtukoll li hafna haddiema kienu zbaljaw. Hassejt li hafna weghdi tal-Partit Nazzjonalista kienu se jigu miksura wara l-elezzjoni. Illum dan kollu qed imissuh b'idejhom. Izda llum hadd ma jista' jaghmel xejn. Illum tard wisq!